# Factus Cibus Viatorum
# Adorazzjoni Ewkaristika għal-Lejl ta' Ħamis ix-Xirka 2025

## Introduzzjoni
B'mod tradizzjonali nirreferu għal dan il-post speċjali fejn tinżamm l-Ewkaristija f'dan il-lejl qaddis bħala s-Sepulkru—kelma li tfisser qabar. Imma fl-Ewkaristija Alla mhuwiex mejjet. Fl-Ewkaristija aħna nixbgħu bil-Ġisem u d-Demm ta' Alla magħmul bniedem li għadda mill-mewt għall-ħajja, u jibqa' ħaj u bil-pjagi glorjużi għal dejjem ta' dejjem.
Għaldaqstant, dan il-ġnien ta' fjuri bojod, li fih jinsab il-Mulej fostna u li fih qed jilqagħna bħalissa, huwa xbieha tal-ġenna li l-bibien tagħha nfetħu mill-ġdid meta Alla-bniedem ħareġ rebbieħ fuq id-dnub u l-mewt. U qed jiġi jiltaqa' magħna bħala l-ikel ta' min jinsab fil-vjaġġ, kif tgħanni l-Knisja fis-Sekwenza tas-Solennità tal-Ġisem u d-Demm Imqaddes ta' Kristu: "Ecce panis angelorum, factus cibus viatorum"—"Dan ħobż l-anġli, magħmul ikel għall-bnedmin fit-triq tal-ħajja."
Bħala pellegrini tat-tama, se jdaħħalna wkoll miegħu fil-ġnien fejn waslet is-siegħa u tibda titwettaq it-tama tagħna ta' salvazzjoni li tiftaħ ix-xefaq tagħna lil hinn mill-qabar. U se nqimuh waqt li nikkontemplaw l-aħħar pellegrinaġġ tiegħu lejn Ġerusalemm fejn tela' biex jiċċelebra, mhux iżjed it-tfakkira tal-mogħdija tal-Mulej, tal-ħelsien tal-poplu Lhudi mill-jasar tal-Eġittu, imma biex iwaqqaf dak l-Għid bla tmiem li minnu nieħdu sehem permezz ta' dan il-ħobż Ewkaristiku li bih nittrejqu aħna u nterrqu fuq wiċċ l-art bħala pellegrini, barranin, fi triqtna lejn "pajjiżna fis-sema" (Fil 3, 20) fejn jinsab Hu, it-Tama waħdanija tagħna.

Fl-isem tal-Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

**Innu Ewkaristiku**

## Viżta lil Ġesù Ewkaristija
Inqimu b'leħen wieħed
lill-vittma w kbir qassis
li ħajtu ta għalina
fuq midbaħ is-salib.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inqimu lil dan ħuna,
sieħeb tagħna fil-vjaġġ
tal-ħajja fuq did-dinja,
kumpann f'pellegrinaġġ.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inqimu l-ħobż tal-anġli,
ikel utieq għar-ruħ,

waqt li bit-tama nterrqu
fe dan il-wied tad-dmugħ.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Inqimu t-Tama tagħna
dik li ma tqarraq qatt,
dik li lil ruħna taħji
fis-siegħa tat-tiġrib.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Sebħ lilek, Kristu Sidna,
u lill-Missier ħanin,
lil Ruħ il-Qodos magħkom;
seħibna mal-henjin. Ammen.

*Missierna, Sliema, Glorja*

Skont il-fehma tal-Papa: *Missierna, Sliema, Glorja*

Aħna u nagħmlu din il-mixja ta' kontemplazzjoni u talb, infissru t-tifħir u t-tama tagħna fil-Mulej permezz ta' żewġ Salmi minn ħmistax magħrufa bħala Għanjiet tat-Telgħat li l-pellegrini kienu jkantaw fi triqthom lejn Ġerusalemm, mibnija fuq għolja. U, bħalma l-ħajja hija mimlija tlugħ u nżul, hekk ukoll f'dawn is-salmi l-ferħ jitħallat mad-dieq, u l-entużjażmu mal-qtugħ ta' nifs. Madankollu hemm ferħ li mhuwiex superfiċjali u ma jiżvintax malajr għax ġej mit-tama soda fil-qawwa tal-Mulej li permezz tagħha negħlbu—anzi, hu stess jegħleb fina—l-ostakli li niltaqgħu magħhom, it-tentazzjonijiet, l-influwenzi u l-aljenazzjonijiet li jiġu minn barra u li jnessuna l-iskop tal-pellegrinaġġ tal-ħajja, l-għala, ir-raġuni, tat-tama li għandna (ara 1 Pt 3, 15). Għalhekk, intennu flimkien: ***Fik nittamaw, Mulej, minn issa u għal dejjem!***

Salm 131, 1-3; 134, 1-3

Mulej, ma tkabbritx qalbi,
anqas ma ntrefgħu għajnejja;
jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar,
jew wara ħwejjeġ ogħla minni. ***R/.***

Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ,
bħal tarbija f'ħoġor ommha;
bħal tarbija miftuma,
hekk hi ruħi ġewwa fija.
Ittama, Iżrael, fil-Mulej,
minn issa u għal dejjem! ***R/.***

Ejjew, bierku l-Mulej,
qaddejja kollha tal-Mulej,
intom li toqogħdu f'dar il-Mulej. ***R/.***

Erfgħu idejkom lejn it-tempju,
u bierku l-Mulej fil-ljieli.
Ibierkek il-Mulej minn Sijon,
hu li għamel is-sema u l-art! ***R*/.**

**Innu Ewkaristiku**

## L-Aħħar Ċena: l-Ikla tal-Mogħdija tal-Mulej

Se nibdew dan il-pellegrinaġġ kontemplattiv u ta' qima billi nidħlu fil-fuklar taċ-ċenaklu, il-fost fejn jinħema l-Ħobż tal-ħajja.

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (22, 7. 14-22)
Wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid. Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli. U Ġesù qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom qabel ma nbati! Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla m'iniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet għalkollox fis-Saltna ta' Alla." U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: "Ħudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom. Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla." Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi." Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom. Imma, araw, id dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda. Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih dak il-bniedem li jittradih!"

**Il-Kelma tal-Mulej**
***R*/.** *Tifħir lilek, Kristu.*

"Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom, qabel ma nbati" (Lq 22, 15). Xi kliem qawwi tuża, Mulej Ġesù, biex tagħti bidu għal din l-ikla solenni tal-Għid li fiha inti stess sirt il-Ħaruf issagrifikat u mogħti bħala ikel! Kliem li jesprimi x-xewqa profonda tiegħek li tiftaħ tieqa' fuq l-abbiss bla qiegħ tal-imħabba ta' Alla Trinità (ara Franġisku, *Desiderio Desideravi*, par. 2).
Kif fissrilna Papa Franġisku fl-Ittra Appostolika *Desiderio Desideravi*: "Għal dik l-Ikla ħadd ma ggwadanja post, kollha ġew mistiedna, jew, aħjar, miġbuda mix-xewqa ħerqana" li kellek biex tiċċelebra dak l-Għid magħhom (par. 4). U l-istess tagħmel f'kull quddiesa li niċċelebraw, meta inti tilqagħna madwarek, ilkoll ġejjin minn mixjiet differenti tal-ħajja u lkoll bil-vjaġġ u l-istorja tagħna, sabiex toffri lilek innifsek lilna fil-Kelma u fil-Ħobż.
Għalhekk, dik l-ikla ma kinitx ikla tal-Għid kwalunkwe, bħal ħafna oħrajn li ġew iċċelebrati mill-pellegrini f'Ġerusalemm f'dak il-lejl. Kienet espressjoni tal-ħbiberija intima li xtaqt taqsam mat-tnax u ma' dawk kollha li tul is-sekli u l-millennji kellhom itennu din iċ-ċelebrazzjoni sa ma terġa' tiġi.

Hija l-ikla tal-qadi, fejn inti, il-Qassis il-Kbir u ta' Dejjem, iddur mal-mistednin tiegħek taħslilhom riġlejhom u tnewlilhom il-ħobż u l-kalċi, hekk li tagħti forma lill-ministeru tal-qadi fost il-poplu tiegħek bħala saċerdoti.
Hija l-ikla tat-tradiment, fejn anke min jagħżel li jiċħad dik l-imħabba xorta jiġi stmat bl-istess imħabba. Inti xorta waħda toffri biċċa ħobż lit-traditur għax, minkejja li taf x'kien isarraf u x'kellu f'moħħu, inti tibqa' ma jitlifx it-tama, imqar f'Ġuda biex forsi tal-anqas wara jinduna x'għamel u jerġa' lura … bħalma għamel Pietru, wara kollox, li, agħar minn Ġuda, ċaħad li saħansitra jafek. Imma din hija l-ikla fejn, min jiċħdek, se jsibek tiġri warajh u tfittxu. Għat-tliet ċaħdiet tiegħu qabel ma s-serduq idden, wara l-qawmien tiegħek lil Pietru inti tagħtih iċ-ċans biex jistqarr imħabbtu għal tliet darbiet, hekk kif, flimkien ma' sħabu, jerġa' jsib ruħu jiekol miegħek fuq xatt l-Għadira tal-Gallilija (ara Ġw 21, 15-19). Hemmhekk beda kollox u hemm terġa' turihom li inti xorta waħda ma qtajtx qalbek minnhom imma għad għandek fiduċja fihom.
Mulej Ġesù, fuq kollox nistgħu ngħidu li hija l-ikla ta' familja—familja imperfetta għax magħmula minn bnedmin bħali, u allura fiha jista' jseħħ minn kollox. Imma, sakemm din il-familja tibqa' tinġabar għall-ikel, b'xi mod jew ieħor, tibqa' t-tama għall-possibbiltà tal-imħabba, tal-ħniena, tal-mogħdrija, tal-maħfra.

**Innu Ewkaristiku**

## Il-Ġnien taż-Żebbuġ: it-Tama li Tissara

L-ikla tal-Għid kienet tagħlaq bil-kant tas-salmi tat-tifħir. U, mis-sħana taċ-ċenaklu, il-pellegrinaġġ joħroġ għall-kesħa tal-lejl u jaqsam lejn l-Għolja taż-Żebbuġ fejn it-tama jkollha tissara.

**Qari mill-Evanġelju skont San Mark** (14, 32-42)
Waslu f'qasam jismu Ġetsemani, u qal lid-dixxipli tiegħu: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm nitlob." U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u bdew jaħkmuh il-biża' u d-dwejjaq. Qalilhom: "Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru." Mexa kemxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk jista' jkun titwarrab minnu dik is-siegħa. U qal: "Abba, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda mhux li rrid jien, imma li trid int." Ġie ħdejhom u sabhom reqdin, u qal lil Pietru: "Xmun, rieqed? Ma flaħtx tishar siegħa waħda! Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem dgħajjef." U raġa' mar u tenna l-istess talba. Mill-ġdid ġie u għal darb'oħra sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal bin-ngħas; u ma għarfux x'jaqbdu jgħidulu. Ġie għat-tielet darba u qalilhom: "Torqdu issa u tistrieħu? Biżżejjed. Is-siegħa waslet; araw li Bin il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin. Qumu! Ejjew immorru! Ara, dak li se jittradini hu fil-qrib!"

**Il-Kelma tal-Mulej**
***R/.*** *Tifħir lilek, Kristu.*

Kemm nibżgħu min-niket, l-uġigħ, u l-mewt, Mulej. Il-biża' huwa parti mill-esperjenza umana tagħna. Huwa istint ta' protezzjoni kontra l-periklu. Huwa emozzjoni li żżommna attenti. Huwa stat mentali li ninħakmu minnu quddiem realtajiet li ma nistgħux infissruhom, nifhmuhom, jew nikkontrollawhom. Imma hu proprju hawn li jidher kemm għandha piż it-tama tagħna.
Fl-umanità tiegħek, anke inti kellek tissara mal-biża'. Il-bjud tal-ġilji madwarna tinbidel fil-ħmura tal-għaraq tad-demm li ġelben ma' wiċċek u ċarċar minn ġismek, f'dak il-ġnien lewn il-kannella donnu griż u l-aħdar tas-siġar taż-żebbuġ, f'dak il-mument fejn il-piż ta' dnubietna u d-dnubiet kollha tal-ġrajja tad-dinja beda jagħfas sew fuqek. Imma għalhekk kont hemm u għalhekk bqajt hemm u xrobt sal-aħħar qatra l-kalċi tal-imrar u tal-korla ta' Alla. Iva, il-korla ta' Alla! Għax Alla jħaddan lill-midneb imma ma jaċċetta l-ebda kompromess mad-dnub u l-ħażin. Kien dan id-dagħbien ta' mħabba bejnek u bejn il-Missier li fih setgħu jinbelgħu d-dnub u l-mewt biex tgelgel bil-qawwa l-għajn tal-ħajja li tibqa' għal dejjem. Kien biss fil-ħmura ta' demmek, il-Ħaruf ta' Alla li tneħħi d-dnubiet tad-dinja (ara Ġw 1, 29), li setgħu jinħaslu u jitbajdu ħwejjiġna u niksbu l-bjuda safja tiegħek (ara Apok 7, 14).

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Meta tiġi s-siegħa tal-Ġetsemani tagħna, it-tentazzjoni li naħarbu quddiem is-salib inħossuha ikbar minna, u, bħal Elija maħrub mill-qilla tas-Sultana Ġeżabel, insibuha iktar faċli li naqtgħu qalbna, jekk mhux ukoll nixtiequ l-mewt għax tidher bħala l-eħfef soluzzjoni (ara 1 Slat 19, 1-8). Iżda t-tama u l-fiduċja tiegħek fina hi bil-wisq ikbar biex taċċetta dan. Bħalma għamilt ma' Elija meta għal darbtejn bgħattlu ftira moħmija u ġarra ilma permezz ta' anġlu, hekk ukoll inti ssir għalina bħall-anġlu tal-faraġ li nilmħu f'xi vari tal-Ort, u timxi magħna fid-deżert tal-ħajja. Minflok tħallina nċedu, permezz tal-Ewkaristija inti tagħtina l-qawwa, u fil-Kelma tiegħek nisimgħuk tordnalna bi ħlewwa: "Qum u kul! ... Qum u kul, inkella ma tkunx tiflaħ għall-mixja li fadallek."
Għalhekk, filwaqt li nitolbuk tissoda lil riġlejna, f'dan il-lejl se nishru wkoll ma' dawk li jinsabu mitluqin u ninterċedu għalihom sabiex lilhom ukoll titmagħhom bit-tama tiegħek. Għal kull talba ntennu t-tnehida: ***Xebbagħhom bit-tama tiegħek, Mulej.***

- Qajjem fuq saqajhom bil-fejqan tiegħek lill-morda. ***R/.***
- Qajjem fuq saqajhom bil-kuraġġ tiegħek lil dawk b'qalbhom maqtugħa. ***R/.***
- Qajjem fuq saqajhom bil-ħlewwa tiegħek lil dawk mifnija bl-imrar jew maħkuma mill-qrusa tal-ħajja. ***R/.***
- Qajjem fuq saqajhom bil-mogħdrija tiegħek lil min jinsab maħkum mis-suppervja u 'l dawk ta' qalbhom iebsa. ***R/.***
- Qajjem fuq saqajhom bil-fiduċja tiegħek lil dawk li qatgħu qalbhom mill-imħabba jew mill-possibbiltà li joħolmu għall-futur. ***R/.***

**Innu Ewkaristiku**

## It-Triq sal-Golgota: Pellegrinaġġ tassew ta' Tama

Il-lejl mgħoddi fit-tħarrif, ġudizzju bla ġustizzja, żebligħ u umiljazzjonijiet, iċedi postu għall-għodwa li fiha tiġi fformalizzata l-kundanna ta' Ġesù u tinfetaħ quddiemu t-triq sal-Golgota li għalina ssir pellegrinaġġ tassew ta' tama.

**Qari mill-Evanġelju skont San Luqa** (21, 26-31)

Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù. Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh. Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom. Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'! Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!' Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"

**Il-Kelma tal-Mulej**

***R*/.** *Tifħir lilek, Kristu.*

Mulej Ġesù, il-ħruxija tas-suldati fuq il-qadi ta' dmirhom u r-rassa tal-folla għatxana għad-demm u mxewxa biex tgħajjat "Salbu!" ma jikkompletawx il-kwadru tax-xena tal-pellegrinaġġ tiegħek sal-Golgota. It-triq mingħand Pilatu sal-Kalvarju tlaqqagħna wkoll ma' ġrajjiet u personaġġi li, minkejja kollox, ifakkruna li għadna nistgħu nittamaw fl-umanità, fit-tjubija tal-bniedem, fil-ħila tiegħu li jieqaf ma' ħutu mġarrbin.

Fir-rakkonti tal-passjoni niltaqgħu ma' Xmun iċ-Ċirinew li, għalkemm imġiegħel, b'umanità jerfa' salibek u jwiegħżen xi ftit il-piż tiegħek ukoll fuq l-ispallejn u bid-dirgħajn felħana tiegħu ta' bidwi, ħaddiem il-art. Smajna l-biki ta' ndiema u niket tan-nisa ta' Ġerusalemm li l-maternità u l-femminilità tagħhom mhux talli ma ħallithomx indifferenti quddiem it-tbatija inġusta talli waslu biex jifhmu xi ftit il-konsegwenzi ta' dak li kien qed iseħħ u l-qerda li ġabet fuqha belthom meta ċaħdet li tkun omm għalik, l-Iben il-waħdieni tal-Missier.

Id-devozzjoni tkompli tesprimi t-tama bħal donnha warda qalb ix-xewk permezz ta' żewġ figuri femminili. Fit-triq tiltaqa' ma' Ommok, il-mara li permezz tagħha ħadt il-ħajja umana tiegħek u li baqgħet takkumpanja din l-istess ħajja sat-tmiem temporanju tagħha. B'hemm issir ukoll Omm l-umanità mifdija li magħha tithenna bil-qawmien tiegħek u tissieħeb mad-dixxipli tiegħek fit-tnissil tal-Knisja nhar Għid il-Ħamsin. Tiltaqa' wkoll mal-Veronika, figura għal kollox anonima li ma tiddarrasx tinża' l-ġieħ tagħha ta' mara f'att ta' kompassjoni billi tneħħi l-velu u timsaħlek wiċċek bih, tama li tinjora kull norma soċjali għax ma hemmx limitazzjonijiet għall-wiri ta' ħniena u mogħdrija.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Mulej Ġesù, għal għonq triqtek li tidher mudlama u ddisprata minkejja li kien binhar, Xmun, in-nisa ta' Ġerusalemm, Ommok, u l-Veronika jiddu bħala sinjali ta' tama permezz ta' mħabba li tumanizza, li tfakkar li inti bniedem minkejja li ebda sura ma kellek u ebda ġmiel biex nitgħaxxqu bih (Is 53, 2). U l-istess għadek tgħaddi llum moħbi f'ħutna mġarrbin u mtaqqlin. F'għajnejhom nistgħu nilmħu l-ħarsa kiebja tiegħek titkarrab il-ħniena inti u mill-ġdid, fihom u magħhom—u anke fina u magħna—tgħaddi mill-wied ta' dlam il-mewt li fih bdilna l-ġenna tal-imħabba tiegħek li qsamt magħna fuq l-art (ara Salm 23, 4a). Għalhekk, se nitolbuk Salm ieħor tat-Telgħat, Salm 130, li fih minn qiegħ l-art tintrefa' lejn is-sema talba ta' salvazzjoni u maħfra. Hija talba li tennejt int bi twelidek u b'salibek f'isimna biex ksibna l-ħelsien. U issa se tkun it-talba tagħna f'isem dawk kollha li jħossuhom imsabbtin mal-qiegħa tal-art għax, tassew, m'hemmx azzjoni ta' mħabba ikbar li nistgħu nwettqu minn dik li nitolbu għal dawk li huma mġarrbin, li nerħuhom f'idejk, u nitolbu f'isimhom. Għas-Salm inwieġbu flimkien: **Isma', Sidi, il-leħen tiegħi.**

Salm 130, 1-8

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:
isma', Sidi, il-leħen tiegħi!
Ħa jkunu widnejk miftuħa,
jiena u nitolbok bil-ħniena. ***R/.***

Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej,
Sidi, min jista' jżomm sħiħ?
Imma għandek hemm il-maħfra,
biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek. ***R/.***

Jien lill-Mulej nistenna,
ruħi f'kelmtu tittama.
Tistenna ruħi lil Sidi,
aktar milli l-għassiesa s-sebħ. ***R/.***

Aktar milli l-għassiesa s-sebħ,
jistenna Iżrael lill-Mulej!
Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba,
u l-fidwa għandu bil-kotra.
Hu li jifdi lil Iżrael
minn ħtijietu kollha. ***R/.***

**Innu Ewkaristiku**

## Il-Ġnien tal-Qabar: it-Tama Quddiem il-Mewt

Is-siparju fuq id-dramm tal-passjoni jagħlaq fl-istess ambjent fejn fetaħ—fil-ġnien—u fuq l-istess xena se jerġa' jiftaħ fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Hawnhekk, tassew il-ġnien isir sepulkru—qabar—li fl-istess waqt huwa sinjal kemm tal-mewt kif ukoll tal-ħajja, kemm tat-tbatija kif ukoll tal-glorja, kemm tal-qerda ta' kull tama umana kif ukoll il-post tat-tama fil-milja tagħha: it-tama Nisranija quddiem il-mewt, it-tama fi Kristu fejn mill-mewt toħroġ il-ħajja, fejn id-dlam isir dawl, u fejn in-niket fl-istess post jinbidel f'ferħ bla tmiem. Imma, wara l-għajta kollha wġigħ ta' Kristu fuq is-salib, u wara t-tnehida tat-telqa sħiħa f'idejn il-Missier li donnu jaħbi wiċċu, ma' nżul ix-xemx tal-Ġimgħa għalissa jaqa' s-skiet ta' Sibt il-Għid.

Issa wkoll daqt jaqa' s-skiet fuq il-jum tagħna u nidħlu fil-mistrieħ tal-lejl fil-kontemplazzjoni ta' Kristu li f'dal-lejl aktarx ma għalaqx għajn m'għajn, sakemm jisbaħ il-jum ta' għada. B'danakollu ma jfissirx li mhu jiġri xejn. Fis-skiet ta' Kristu tul il-passjoni tiegħu naraw l-għażla bir-rieda sħiħa tiegħu li jilqa' dak li kien meħtieġ li jseħħ. U fis-skiet tal-mewt tinħema l-ħajja l-ġdida tal-Għid, hekk li f'din il-qagħda tagħna, il-Mulej ilissen fis-skiet ta' qalbna l-istess kliem li ħabbar permezz tal-Profeta Isaija: "Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida: feġġet issa; għadkom ma ttendejtux? Se niftaħ triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert" (Is 43, 19).

**Qari mill-Evanġelju skont San Ġwann** (19, 41-42)

Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd. Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib.

**Il-Kelma tal-Mulej**

***R*/.** *Tifħir lilek, Kristu.*

Quddiem il-qabar, it-tama donnha tmut għal kollox. Imma fil-misteru tal-mewt u l-qawmien tiegħek, int, Mulej Ġesù, urejtna li lanqas it-triq sal-qabar—kemm tiegħek u kemm tagħna—mhija bla tama. Il-Knisja mwaqqfa taħt Salibek permezz ta' Ommok u d-dixxiplu l-maħbub terrqet u għadha tterraq fid-dlam ta' Sibt il-Għid tal-istorja li fih ngħixu bħala pellegrini tat-tama bejn l-ewwel u t-tieni miġja tiegħek. Imma kemm insibuha iebsa, Mulej, din il-fiduċja kompleta fik quddiem ir-realtajiet mudlama li nġarrbu u li nilmħu madwarna … l-istess kif ġralhom id-dixxipli ta' Għemmaws li ma ndunawx li dak il-pellegrin għarib u frustier kont inti, ħaj!

Għaldaqstant, bħal fit-triq lejn Għemmaws, jeħtieġ li f'das-skiet aħna wkoll nisktu sabiex inħalluk tfejjaq il-memorja u l-vista tagħna, u nħalluk twassalna biex nifhmu u nħarsu lejn il-ġrajja mill-perspettiva li togħla 'il fuq minn dak li hu għal kollox materjali u uman, sabiex fl-istampa sħiħa tidher u tiġi mgħarrfa u magħrufa l-wegħda tas-salvazzjoni.

B'din it-tama, għall-karba tiegħek f'dal-lejl, "ibqgħu hawn u ishru miegħi" (Mt 26, 38), bil-ħrara se nwiġbuk bħad-dixxipli ta' Għemmaws: "Ibqa' magħna, għax issa

sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm" (Lq 24, 29). U hekk tagħmel, Mulej: Inti tibqa' magħna sabiex tfissrilna l-Iskrittura u taqsmilna l-ħobż (ara l-Ħames Talba Ewkaristika). Tibqa' magħna bħala ikel tal-vjaġġ—vjatku—li jrejjaqna sakemm naslu fil-mergħat ta' dejjem. Tibqa' magħna bħala ikel tal-ħajja f'din il-ħajja, ukoll jekk ninħakmu mit-telqa, mill-għeja, u min-ngħas. Wara kollox, għalfejn għandna naqtgħu qalbna meta permezz ta' Pawlu twegħidna li, "sew jekk inkunu nishru u sew jekk inkunu rieqda" meta tiġi, inti se tagħtina li ngħixu ħaġa waħda miegħek (1 Tess 5, 10)? Għalfejn għandna naqtgħu qalbna quddiem is-skiet tiegħek fl-istorja meta inti tinsab fuq id-dgħajsa tagħna, ukoll jekk xi minn daqqiet rieqed fil-fond fuq imħadda? L-irqad u s-skiet tiegħek huma garanzija tal-preżenza kontinwa tiegħek li tisboq dak li moħħna jista' jasal li jifhem u li ġġib fina l-ħedla ħelwa li twassalna biex nintelqu f'idejk u nħallu lilek tmexxina permezz tal-fjamma tat-tama li tkebbes f'qalbna.

(*adorazzjoni fis-skiet*)

Fi tmiem dan il-ħin ta' qima u tifħir, ejjew nerfgħu għajnejna lejn il-Mulej u nitolbuh jibqa' magħna għax l-għajnuna tagħna tiġi biss mingħandu, li għamel is-sema u l-art (Salm 121, 1-2). Għal kull talba nwieġbu: ***Ibqa' magħna, Mulej!***

- Ħa tkun, Mulej Ġesù, il-Knisja tiegħek id-dell tiegħek fuq l-umanità, hija u taqsam magħha fl-hena u t-tama, fin-niket u t-tħassib tagħha. ***R/.***
- Flimkien mal-pellegrini tal-qedem nitolbuk illejla s-sliem għal Ġerusalemm u għal kull poplu u nazzjon mifni bil-vjolenza u l-gwerer. ***R/.***
- Ħares liċ-ċkejknin u ż-żgħażagħ tagħna minn kull deni, kemm tal-ġisem kif ukoll tar-ruħ, u wassalhom għall-milja tal-ħajja tagħhom fik. ***R/.***
- Tħallix lil riġlejna jogħtru, imma ibqa' mexxina fit-triq tiegħek li waħedha tista' twassalna għall-għarfien tal-verità tiegħek u tagħtina l-ħajja. ***R/.***
- Lil dawk iż-żgħażagħ li qed issejħilhom għas-saċerdozju, imla 'l qlubhom b'tama hekk kbira fik li jkunu lesti jagħtuk ħajjithom b'mod sħiħ sabiex permezz tagħhom tkun tista' tibqa' magħna fis-Sagramenti. ***R/.***
- Imla bil-ferħ tad-dehra tiegħek lil dawk li ntemm iż-żmien tagħhom fuq din l-art u qegħdin fil-pellegrinaġġ aħħari tagħhom lejn darek fis-sema. ***R/.***

Ibqa' magħna, Mulej, issa li l-lejl niżel sew fuqna, u kun il-wens tagħna fit-triq, biex il-ħniena tiegħek tqawwilna qalbna u twettaqna fit-tama, ħalli nagħrfuk fl-Iskrittura u fil-qsim tal-ħobż. Int li tgħix u ssaltan għal dejjem ta' dejjem. Amen.

**Innu Ewkaristiku**

Fl-isem tal-Missier, u tal-Iben, u tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

Fil-jum tal-Ġimgħa l-Kbira, meta Kristu, il-Ħaruf tal-Għid tagħna, kien maqtul (1 Kor 5, 7), il-Knisja timmedita fuq il-Passjoni tal-Mulej u l-Għarus tagħha, tqim is-salib, tfakkar it-tnissil tagħha mill-ġenb minfud ta' Kristu, u tinterċedi għas-salvazzjoni tad-dinja kollha.